**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Jannar, 2019**

**Talba Nru: 241/2018 PM1**

**Jean Paul Azzopardi (ID Nru. 145295(M))**

**Vs**

**Entity AM Software Solutions (D Trading) u b'digriet datat dsatax (19) t'Ottubru, elfejn u tmintax (2018) it-Tribunal ordna l-korrezzjoni tal-isem tal-intimata ghal D Trading.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tletin (30) ta' Mejju, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu l-attur talab ir-rifuzjoni tas-somma ta' mitejn hamsa u disghin euro (€295) imhallsa minnu lill-intimati sabiex jaghtu diversi lezzjonijiet tal-Abledon Music Production Course lill-istess attur imma li l-intimat naqsu li jaghtu u sahansitra kkancellaw u pposponew il-maggjoranza tal-lezzjonijiet biex, minhabba f'hekk l-attur baqa' minghajr il-lezzjonijiet dovuti u c-certifikat imwieghed.

Ra r-risposta ta' AM Software Solutions (D Trading) li permezz taghha l-istess intimat wiegbet li fl-ewwel lok ir-rikorrent ghandu jispjega u jiggustifika t-talba tieghu u, fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti hija

infondata fil-fatt u fid-dritt u fil-fehma tas-socjeta` esponenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Ra t-talba tal-attur ghas-sejha fil-kawza ta' Joseph Bowman permezz tar-rikors tieghu datat tnax (12) ta' Settembru, elfejn u tmintax (2018), ra r-risposta tal-intimata datata hmistax (15) t'Ottubru, elfejn u tmintax (2018)

Ra d-digriet datat 18 t'Ottubru, elfejn u tmintax (2018) li permezz tieghu it-Tribunal cahad it-talba kif dedotta fir-rikors surreferit ghar-ragunijiet indikati fir-risposta.

Ra li permezz ta' digriet datat dsatax (19) t'Ottubru, elfejn u tmintax (2018) it-Tribunal ordna l-korrezzjoni tal-isem tal-intimata fl-avviz tat-talba u l-atti kollha relattivi u sussegwenti ghal dak tal-partnership D Trading.

Ra n-nota tal-attur datata ghoxrin (20) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) b'anness l-affidavit tieghu u d-dokumenti relattivi.

Ra n-nota tal-partnership intimat b'annessi l-affidavit ta' Joseph Bowman u d-dokument anness.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attur u ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-fattispeci tal-kaz li rrizultaw miz-zewg verzjonijiet moghtija mill-attur u minn Joseph Bowman huma s-segwenti :

1. Irrizulta car li l-attur u l-partnership intimat ikkuntrattaw bejniethom li l-partnership intimata tippresta lezzjonijiet lill-attur u dana permezz ta' tlettax-il lezzjoni fuq medda ta' tlettax-il gimgha fil-'Abledon Music Production Course'.
2. Dan kollu jirrizulta kemm mid-dokument 'B' anness mal-affidavit tal-attur li jindika l-lezzjonijiet kollha ffissati, oltre l-'course highlights' indikata f'Dok.

'C' u kif ukoll mix-xhieda tal-istess Joseph Bowman li, f'dan ir-rigward, xehed permezz tal-affidavit tieghu fis-sens li : "*Jean Paul Azzopardi enrolled for a three-month-course with 1.5 hour lessons held once a week*". Dan il-kors kellu jwassal sabiex min jikkompletah b'success jottjeni certifikat.

3. Irrizulta wkoll li, minhabba diversi ragunijiet fosthom indisposizzjoni tal-ghalliem anke minhabba ragunijiet marbutin mal-kundizzjoni medika prekarja ta' missieru, ghadd ta' lezzjonijiet gew ikkancellati u posposti ghal granet ohrajn.
4. Illi fir-rigward tal-lezzjonijiet imhassrin, filwaqt li l-attur jikkontendi li thassru sitt lezzjonijiet, Joseph Bowman xehed illi thassru biss erba' lezzjonijiet. B'differenza mill-attur, Bowman xehed li l-lezzjoni tal-erbgha (4) t'April, 2018 saret imma l-attur naqas milli jattendi ghaliha. Ta' min jghid li l-attur ghazel li ma jikkontro-ezaminax lix-xhud Bowman. La l-partnership intimata u lanqas ix-xhud Bowman ma dehru ghas-seduta li kienet intiza proprju ghall-iskop tal-kontro-ezamijiet u kwindi lanqas ma sar il-kontro-ezami tal-attur. Kwindi it-Tribunal huwa tenut li jiddetermina x'gara abbazi tal-affidavit rispettivi tal-partijiet u d-dokumentazzjoni annessa.
5. Jirrizulta mid-dokument DT1 anness mal-affidavit ta' Bowman li l-lezzjoni tal-erbgha u ghoxrin (24) t'April, 2018 giet imhassra, kif jixhed l-istess attur.
6. Konsegwentement jirrizulta li b'kollox gew fil-fatt imhassrin hames lezzjonijiet filwaqt illi l-attur naqas milli jattendi lezzjoni wahda minn dawk iffissati.
7. Madanakollu, skont l-istess Joseph Bowman il-partnership intimata provat tirrimedja ghal dan billi tipprovdi lezzjonijiet fi granet alternattivi.

Illi mill-aspett prettament legali jehtieg li jinghad li, skont is-surreferit, iz-zewg partijiet qeghdin jaqblu li kien hemm inadempjenza kuntrattwali - almenu parzjali – da parti tal-partnership intimata. Dawn huwa konsistenti minn zewg fatturi – wiehed koncernanti l-lezzjonijiet li gew kancellati u l-posponiment taghhom u t-tieni koncernanti t-terminu ta' zmien li fih il-lezzjonijiet kellhom jigu terminati. Kif inghad hawn fuq,

Joseph Bowman jikkontendi li l-attur ukoll naqas milli jattendi xi lezzjonijiet, inkluzi dawk il-lezzjonijiet li kienu gew posposti. Skont l-intimata kien ghalhekk li l-attur ma temmx b'success il-kors tieghu u kwindi ma ottjeniex ic-certfikat relattiv. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili (presj. Onor. Imh. Dr. Philip Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Jose` Herrera noe. v. Gaetano Debattista et.** (1699/1995) deciza fil-21 t'April, 2004 u cioe` :

> « *A propozitu, jissokta jinghad fis-subinciz (2) ghall-imsemmi Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 illi "l-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi". Kif spjegat fid-decizjoni riportata a Vol. XLIII P II p 805, "fost ir-ragunijiet preveduti mil-ligi ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni rizoluttiva tacita fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti (Artikolu 1111, illum Artikolu 1068 tal-Kodici Civili) ... Hemm bzonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi derivanti mir-rizoluzzjoni (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., Artikolu 1165 para. 236 u 239)"; (...)* ***<u>Huwa maghruf illi meta gudikant ikun, bhal f' dan il-kaz, konfrontat b' akkuzi reciproci ta' inadempiment, una volta accertata l-ezistenzi ta' dan l-inadempiment reciproku, jehtieglu, imbaghad, jaghmel evalwazzjoni komparattiva ta' l-imgieba taz-zewg kontraenti fuq il-bazi tal-proporzjonalita` u tal-kawzalita` bejn iz-zewg inadempjenzi. Dan bl-iskop li tigi stabbilita r-relazzjoni ghall-interessi rispettivi u ta' l-oggettiva entita` ta' l-inadempjenza biex jigi determinat jekk dawn jekwivalux jew jekk l-inadempjenza l-wahda ghandhiex tiprevalixxi fuq l-ohra</u>****; Kif gie ritenut mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni fis-sentenza taghha tas-7 ta' Novembru 2000 (Numru 11784), "ai fini della pronuncia di risoluzione di un contratto a prestazioni corrispettive in caso di inadempienze reciproche, il giudice per stabilire la sussistenza dell' inadempimento determinante a carico di uno dei contraenti non puo` limitarsi ad esaminare il comportamento di una sola delle parti, ma deve procedere ad una*

*valutazione unitaria della condotta di entrambi i contraenti per accertare gli inadempimenti reciprocamente lamentate dalle parti ed apprezzarne l' effettiva gravita` ed efficienza causale rispetto alla finalita` economica complessiva del contratto, nonche la conseguente ininfluenza sulla sorte del medesimo."; Dan it-taghlim tad-duttrina u tal-gurisprudenza Taljana ma jidherx li hu aljen fil-kazistika lokali jew innovattiv ghall-Qrati taghna. (Ara* ***Kollez. Vol. XLIX P I p 518****). In effetti fuq l-istregwa ta' dawn l-istess insenjamenti l-Imhallef Maurice Caruana Curran sedenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, filwaqt li jitlaq mill-premessa illi* ***l-eccezzjoni "inadempleti contractus" tista' tigi sollevata b'mod generali fil-kuntratti sinallagmatici kollha, u indipendentement mir-rizoluzzjoni tal-kuntratt, jissokta jirrileva illi "ir-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma (I) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti ntegrali mill-ftehim (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur u (III) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenza tal-partijiet****"* **- "Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri***", 11 ta' Ottubru 1966;* » (enfazi mizjuda)

Affermati dawn il-kriterji gwida, fil-kaz taht konsiderazzjoni, analizzat kif jixraq l-apprezzament ekwitattiv fuq l-allegati nuqqasijiet li graw minn naha jew minn ohra u fuq l-importanza taghhom relattivament ghal xulxin, it-Tribunal isib li l-partnership intimata certament li naqset fil-konfront tal-attur fir-rigward tal-lezzjonijiet imhassrin u wkoll fir-rigward tal-fatt li, proprju minhabba l-fatt li l-lezzjonijiet gew ripetutament imhassrin, il-kors spicca wara t-terminu pattwit mal-hlas tal-mizata dovuta. Min-naha l-ohra, tali nuqqas da parti tal-partnership intimat m'ghandux iwassal ghas-sanzjoni estrema tar-rifuzjoni tal-mizata shiha imhallsa mill-attur ghal-lezzjonijiet kollha, inkluzi wkoll allura dawk il-lezzjonijiet li lahqu saru u li kwindi l-attur ibbenefika minnhom, jekk xejn, tramite l-aspett didattiku tal-istess. Huwa sinjifikanti wkoll li l-attur illamenta dwar il-fatt li t-terminu pattwit ma kienx ser jigi osservat wara li l-istess terminu kien skada, permezz ta' email datata 3 ta' Mejju, 2018 (Dok. DT1) u mhux tempestivament qabel din id-data,

meta l-lezzjonijiet kienu qed jigu posposti bir-riskju evidenti li t-terminu pattwit ma jigix osservat.

Illi waqt it-trattazzjoni orali tieghu, l-avukat tal-attur irrefera ghall-kawza deciza fit-3 ta' Marzu, 2011 minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fl-ismijiet '**Abigail Cassar Aveta v. Maurice Degaetano noe**' (konfermata mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) permezz tas-sentenza fl-istess ismijiet datata 29 ta' Marzu, 2012. Madanakollu t-Tribunal isib li l-fattispeci ta' dan il-kaz huma kemmxejn differenti minn dawk tal-kaz odjern proprju ghaliex, fil-kaz citat, il-kors intemm hesrem ghax ma sarux lezzjonijiet aktar. F'dak il-kaz l-ghalliem irrifjuta li jkompli jaghti l-lezzjonijiet u qal lill-istudenta li setghet issib ghalliem alternattiv. B'hekk, fil-kaz citat mill-attur il-kors ma giex terminat ghaliex min kien qed jipprovdieh naqas milli jaghmel dan bil-kontra ta' dak patwit. (Hekk gie deciz : « *il-ftehim kien wiehed car, l-appellant ghazel li ma jesegwiehx kollu, b'mod li allura t-tieni sena ta' kors ma' gietx kompletata mill-appellant u allura huwa gust u ekwu li l-appellata tigi rifuza l-ammont kollu li hija hallset ghat-tieni sena tal-istess kors, ghaliex il-ftehim mal-appellant kien li huwa kellhu jipprovdi ghall kors kollu u mhux ghan-nofsu.* ») Fil-kaz in ezami, irrizulta li l-kors ma giex terminat mill-attur ghaliex l-attur falla lezzjoni u ma attendhiex il-lezzjonijiet posposti mill-intimata minhabba indisposizzjoni tal-ghalliem u mhux ghaliex il-kors waqaf hesrem. Hekk jirrizulta mill-email datata 24 t'April, 2018 fejn jinsabu indikati id-dati u l-hinijiet tal-lezzjonijiet li kien ghad fadal biex jigi konkluz il-kors.

Jidher allura li mill-'course highlights' ezebiti mill-istess attur, l-intimata naqset biss fir-rigward tal-aspett koncernanti t-terminu tal-kors. Tenut kont ta' dan il-fattur it-Tribunal ihoss li huwa gust li l-attur jigi rifuz fir-rigward ta' dawk il-lezzjonijiet li thallsu minnu u li gew unilateralment imhassrin mill-partnership intimat minghajr ma hu seta' jibbenefika minnhom. Wiehed jifhem li seta' kien hemm ragunijiet serji li jinnecessitaw it-thassir jew il-posponiment tal-lezzjonijiet imma l-partnership intimata ma setghetx unilateralment tippretendi li tvarja dak pattwit minnha b'mod partikulari meta, bil-posponiment tal-lezzjonijiet, il-kors ma kienx ser jigi terminat entro t-terminu pattwit.

Min-naha tieghu, jekk il-mira tal-attur kien li jottjeni c-certifikat relattiv entro tali terminu, huwa naqas ukoll billi m'attendiex almenu lezzjoni wahda kif prefissa u billi, kif kien tenut jaghmel in bwona fede, ma ressaq ebda opposizzjoni tempestiva ghall-posponiment tal-lezzjonijiet meta tali posponimenti kienu qed jigu avzati lilu jekk mhux wara li kien diga` skada t-terminu pattwit fejn imbaghad talab rimbors ghas-somma kollha mhallsa minnu. Il-messaggi ezebiti mill-attur stess jindikaw li, meta ntbaghtu dawn, huwa ma kien qed isib ebda oggezzjoni li l-lezzjoni ticcaqlaq ghal data ohra. Xejn ma kien josta lill-attur milli jikkompleta l-kors tieghu b'success billi jattendi l-lezzjonijiet kollha u jircievi c-certifikat relattiv, salv illi dan isehh oltre t-terminu pattwit. L-attur ma ressaq ebda prova ta xi pregudizzju serju li huwa seta' talvolta sofra bhala konsegwenza ta' tali inadempjenza parzjali da parti tal-partnership intimata salv illi jghid li huwa kellu 'other commitments' wara din id-data. Skont il-provi prodotti il-kors kellu jigi konkluz, minflok fid-data tal-25 t'April, 2018, fis-16 ta' Mejju, 2018. Huwa ghalhekk li, f'dan il-kaz, il-principju tal-proporzjonalita` ghandu necessarjament iwassal ghar-rifuzjoni tal-mizata relattiva ghal dawk il-lezzjonijiet li gew imhassrin mill-intimata u mhux ghall-mizata tal-lezzjonijiet kollha inkluzi dawk illi saru.

Konsegwentement it-Tribunal isib li jkun gust u ekwu li l-intimata tirrifondi lill-attur is-somma ta' mija u tlettax-il euros u sitta u erbghin centezmi (€113.46) in rapprezentanza tar-rimbors tal-mizata mhallsa minnu ghal dawk il-lezzjonijiet (hamsa minn tlettax) li gew imhassrin u/jew posposti mill-istess partnership intimata. Ghalkemm l-intimata tikkontendi li hija offriet li rimbors pro rata ma jirrizultax mill-provi kemm kien dan ir-rimbors propost u lanqas ma jidher li giet depozitata s-somma relattiva fir-Registru tal-Qorti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed u jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimata limitatament sakemm kompatibbli mas-surreferit, konsegwentement jilqa' wkoll limitatament it-talba attrici u jikkundanna lill-intimata thallas lill-attur is-somma ta' mija u tlettax-il euro u sitta u erbghin centezmi (€113.46). A

tenur tal-art. 177 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-ispejjez jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**